MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 15/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Degiorgio**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Degiorgio, bin Joseph u Mary nee Grech, imwieled fil-15 ta' Dicembru 1976, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 41877M, talli fit-13 ta' Novembru 2007 ghall-habta ta' 18.25 hrs gewwa Triq il-Hofra k/m Triq ix-Xaghra, Zabbar (**i**) ingurja jew hedded lil martu Fiorita Degiorgio, (**ii**) hebb kontra l-persuna ta' martu Fiorita Degiorgio sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmlilha hsara lilha jew lil haddiehor, u (**iii**) gab ruhhu b'mod li ta fastidju lill-persuna ta' Fiorita Degiorgio b'mod li kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess Fiorita Degiorgio;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar 2008 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta' l-imputat, sabitu hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u rabtitu b'garanzija favur Fiorita Degiorgio u l-familjari taghha ghal zmien sena taht penali ta' Euro 500 ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Noel Degiorgio, minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u, subordinatament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2008; ikkunsidrat:

L-appellant fil-fatt ghandu aggravju wiehed. Dan huwa, bazikament, li hu ammetta bi zball fis-sens li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jammetti. Skond ma jghid fir-rikors ta' appell tieghu, huwa haseb li bhalma gara xi jiem qabel meta huwa hafer lil martu fi proceduri kontra taghha, kien ser jigri l-istess fil-kaz tal-proceduri kontra tieghu u l-affari tieqaf hemm. Hu jghid li ma kienx jaf x'ser ikunu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

Issa, hija gurisprudenza pacifika li "fuq ammissjoni ta' l-imputat qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi il-qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta' reat" (ara is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri**; ara wkoll is-sentenza, aktar recenti, dejjem ta' din il-Qorti, tat-12 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rainer Grima**). Fil-kaz in dizamina ma jirrizulta xejn minn dan. L-appellant, quddiem l-ewwel qorti, ghazel li jidher mhux assistit minn avukat jew prokuratur legali, u wara li ddikjara li kien qed jammetti, dik il-qorti taghtu anke zmien biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu (kif jirrizulta mis-sentenza appellata). Ma ngab xejn quddiem din il-Qorti li b'xi mod jitfa' mqar l-icken dubju fuq il-korrettezza ta' dak li jinghad fis-sentenza appellata f'dan

ir-rigward. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li gara hu li l-appellant ma stenniex li l-ewwel qorti kienet ser timponi fuqu il-precett skond l-artikoli 383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali. Pero` altru li wiehed jammetti bi zball (cioe` meta ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti) jew ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, u altru li wiehed ma jkunx jaf il-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni fis-sens li ma jkunx jaf x'piena jista' jehel. Il-fatt li wiehed jammetti ghax, per ezempju, haseb li ser jinghata piena partikolari meta fil-fatt jispicca jinghata piena ohra, ma jistax sussegwentement jigi avanzat minnu in sede ta' appell biex "jannulla" dik l-ammissjoni, ghax tali fatt jammonta semplicement ghal injoranza tal-ligi – jigifieri daqslikieku ma kienx jaf li dak li huwa ghamel jammonta ghal reat. Ghalhekk dana l-aggravju – li hu l-uniku aggravju ta' l-appellant – qed jigi respint.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' sena tal-garanzija jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------